Nru./No. 21,240
Prezz/Price
€9.18

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju, 2024
Friday, 10th May, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5393 - 5397
Government Notices ..... *5393 - 5397*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5397 - 5404
Police Notices ..... *5397 - 5404*

Avviżi lill-Baħħara 5405
Notices to Mariners *5405*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 5405 - 5567
Employment Opportunities ..... *5405 - 5567*

Avviżi tal-Gvern ..... 5567 - 5572
Notices ..... *5567 - 5572*

Offerti ..... 5572 - 5580
Tenders ..... *5572 - 5580*

Avviżi tal-Qorti ..... 5580 - 5592
Court Notices ..... *5580 - 5592*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 598

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XVI tal-2024 imsejjaħ l-Att tal-2024 fuq Azzjoni dwar il-Klima; u

Att Nru XVII tal-2024 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

L-10 ta' Mejju, 2024

Nru. 599

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTURĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Brian Montebello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	6.5.2024 - 8.5.2024

L-10 ta' Mejju, 2024

Nru. 600

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/ REĠISTRATUR QRATI KRIMINALI U TRIBUNALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u s-Settur tal-Kostruzzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Stephania Calafato Testa	Aġent Direttur/Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali *Acting Director/Registrar Criminal Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	6.5.2024 - 9.5.2024 iż-żewġ ġranet inklużi *both days included*

L-10 ta' Mejju, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 598

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XVI of 2024 entitled the Climate Action Act, 2024; and

Act No. XVII of 2024 entitled the Environment Protection (Amendment) Act, 2024.

10th May, 2024

No. 599

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has approved the following Acting Appointment.

10th May, 2024

No. 600

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CRIMINAL COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Reform of the Construction Sector has approved the following acting appointment:

10th May, 2024

Nru. 601

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U ANZJANITÀ ATTIVA

Att għall-Protezzjoni tal-Embrijuni 2013
Kap. 523 Klawsola 3 (2)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont il-poteri mogħtija mill-Att għall-Protezzjoni tal-Embrijuni 2013 Kap. 523 Klawsola 3 (2), u għall-finijiet ta' dak l-att, il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ħatar lis-Sa Alexia Vella bħala membru fl-Awtorità tal-Protezzjoni tal-Embrijuni minflok Dott. Patrick Sammut. Il-ħatra tagħha tibda mill-10 ta' Mejju, 2024 u se tkun sas-16 ta' Lulju, 2025.

L-10 ta' Mejju, 2024

No. 601

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Embryo Protection Act 2013
Cap. 524 Clause 3 (2)

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Embryo Protection Act 2013, Cap. 524 Clause 3 (2), and for the purposes of that Act, the Minister for Health and Active Ageing has appointed Ms Alexia Vella as member on the Embryo Protection Authority instead of Dr Patrick Sammut. Her appointment starts from the 10th May, 2024 and will be till 16th July, 2025.

10th May, 2024

Nru. 602

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Luca Burlò bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlò u dan għall-perjodu bejn id-9 ta' Mejju, 2024 u s-27 ta' Mejju, 2024.

Illum l-Erbgħa, 8 ta' Mejju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 602

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Luca Burlò to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Marco Burlò for the period between the 9th May, 2024 and 27th May, 2024.

Today Wednesday 8th May, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 603

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
10.5.2024	€69.349	€0.819

L-10 ta' Mejju, 2024

No. 603

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT
(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

10th May, 2024

Nru. 604

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 604

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Olinger Scerri	236988M	47, Aristea P/H 5, Triq Louis Schickluna, Il-Fgura
Gorgiana Camilleri	18496G	55, Triq San Ġorġ, Ir-Rabat, Għawdex
Angela Parnis	564680M	2, Chez Jonele, Daħlet iċ-Ċawsli, Ħ'Attard
Marcel Rudi Mantaj	235187A	Dar Frate Jacoba, Triq Wied iz-Ziju, Marsaskala
Malla Reddy Singireddy	304147A	49, Violet, Flat 2, Triq il-Makna tas-Serrar, L-Imsida
Gangareddy Gojoor	420497A	33, Feline, Flat 4, Triq Sir Patrick Stuart, Il-Gżira
Geoffrey Farrugia	142772M	99, Sta Rita Mans, Flat 4, Triq San Tumas, Il-Fgura
Alex (Alexander) Vassallo	328376M	20, Triq in-Ninfa Calypso, Il-Mellieħa
Dennis Micallef	402580M	116, Mon Cherie, Flat 2, Triq il-Wied, Il-Mosta
Anthony Fiteni	839047M	6, Fiteni Terribile, Triq l-Għajn Maltija, Ħaż-Żebbuġ
Elaine Aquilina	53783M	3, Triq is-Sarsella Ħamra, Ħal Luqa
Elizia Maria Lia	366982M	Blk VII, Bieb A, Flat 8, Triq il-Buganvilla, San Ġwann
Catherine Aljasem	117271M	407, Flat 2, Triq D'Argens, Il-Gżira
Sabin Pun	343613A	126, Eglantine Crt, Flat 3, Triq Moroni, Tas-Sliema
Sherin Anto	419985A	87, Flat 1, Triq l-Imriekeb, Marsaskala
Michael Frendo	481896M	3, Damascus, Sqaq Rjallu, Il-Fgura
Marjolaine Agius	237302L	219, Major, Triq Santa Marija, Ħal Għaxaq
Dikshit Bhattarai	415714A	10, Triq Morani, Il-Gżira
Parashmani Adhikari	415722A	10, Triq Morani, Il-Gżira
Parshuram Karki	427177A	St Paul, Triq San Ġużepp, Ħaż-Żebbuġ
Maria Giovanna Alexandra Merbah	547973M	186, Flat 7, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta
Dylan Brincat	130601L	34, Pjazza Kappillan Muscat, Il-Ħamrun
Luke Farrugia	103302L	25, Vivre Ensemble, Triq Ħal Dwin, Ħaż-Żebbuġ
Noel Pace	184374M	124, Flat 2, Triq il-Belt Valletta, Raħal Ġdid
Errol Briffa	52387M	38, Triq Għajn Qatet, Ir-Rabat, Għawdex
Sabrina Sultana	28301H	Manresa Mans, Blk D, Flat 4, Triq Santa Dminka, Ir-Rabat, Għawdex
Daniel Mario Micallef	288874M	Cataleya, Trejqet San Franġisk, Ħaż-Żabbar

Pierre Mallia	20281M	574, Meadowbank, Triq il-Qaliet, Marsaskala
Aloysia Aguis	487366M	300, Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar
Samikshya Giri Karmi	394739A	106, Chubby Crt, Flat 3, Triq il-Kaħwiela, Il-Mosta
Ramesh Thokar	417042A	Honeycomb, Blk A, Flat 13, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar
Mian Mostafa Saroare	291291A	49, Misty Blue, Flat 2, Triq Tal-Qroqq, L-Imsida
MD Sharif Hossain	291439A	Princess Crt, Blk B, Flat 11, Triq il-Karmnu, San Ġiljan
Kevin Villanueva	385866A	23, Vella, Flat 2, Triq id-9 ta' April, Il-Mosta
Ethani Anil	375526A	84, Flat 6, Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ
Durga Bahadur Roka	377337A	San Antonio Hotel, South Block, Flat 1605, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar
Pierre Sammut	437183M	45, Triq il-Blata, Ħal Qormi
Hatem M M Abu Shkewa	151421A	Jupiter Crt, Flat A1, Triq Il-Giżi, Il-Fgura
Amy Micallef	378504L	355, United Hearts, Triq il-Merħba, Il-Fgura
Darren Borg	209473M	La Vallette Crt, Flat 1, Triq il-Villeġġjatura, San Pawl il-Baħar
Subas Nepali	394086A	Rerum Novarum, Blk A, Flat 20, Triq San Ġorġ Preca, Il-Ħamrun
Srimanth Goud Vanga	373881A	Blk X3, Flat 1, Triq id-Deheb Fin, Ħal Qormi
Tayyab Ajam	424487A	Whitehouse Mansiono, 4, Triq Nazju Ellul, Il-Gżira
Denzel Aquilina	40405L	Sandy Lee, Flat 2, Triq is-Serkin, Il-Mosta
John Michael Anastasi	101307L	18, Ix-Xemxija, Triq l-Ispiera, Is-Swieqi
Edward Aris Fenech	12282M	11, The Hutch, Triq tal-Mirakli, Ħal Lija
Rita Farrugia	411564M	9, Hazel Grove, Fl3, Triq l-Andar, Is-Siġġiewi
Rita Bartolo	153264M	58, San Ġorġ Preca, Triq it-Tagħli, Il-Fgura
Sujal Tamang	409414A	6, Jade, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Birkirkara
Sharon Faenza	392386M	52, Shanto, Triq Indrì Micallef, Ħal Luqa
Michelle Ciappara	364273M	73, Triq Santa Liberata, Il-Kalkara
Rony Ahmmed	368961A	7, Flat 1, Triq A. Cushieri, Fleur-De-Lys, Birkikara
Rai Dharamjit	356521A	7, Tottenham, Triq tal-Bajjada, Ħal Qormi

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-10 ta' Mejju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 99

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Mill-Ħadd, 12 ta' Mejju, 2024, fis-7.00 a.m., sat-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024, fid-9.00 p.m., minn Triq Mike Pulis.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Mejju, 2024, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Triq is-Santwarju.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mid-9.30 a.m. sal-10.30 a.m.

Il-Furjana

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Mejju, 2024 mill-11.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq il-Miratur bejn Triq San Publju u Triq Sant'Anna, Triq San Publju bejn Triq San Tumas u Triq J.Lopez u Pjazza San Publju.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

10th May, 2024

POLICE NOTICE

No. 99

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Birkirkara

From Sunday, 12th May, 2024, from 7.00 a.m., till Monday, 13th May, 2024, at 9.00 p.m., through Triq Mike Pulis.

Public transport will be affected.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 12th May, 2024, from 8.00 a.m. till 1.00 p.m., through Triq is-Santwarju.

Public transport shall be affected from 9.30 a.m. till 10.30 a.m.

Floriana

On Sunday, 12th May, 2024 from 11.00 a.m. till midnight through Triq il-Miratur between Triq San Publju and Triq Sant'Anna, Triq San Publju between Triq San Tumas and Triq J.Lopez and Pjazza San Publju.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Closure of streets will be done as required.

Il-Ħamrun

Nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl tat-Tlieta, 14 ta' Mejju, 2024, minn Triq Mile End.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ta' Xbiex

Nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024, mis-2.00 p.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Ħalġ.

Santa Venera

Nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024, mis-1.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Misraħ Santa Venera. Triq Braille se jkun ukoll affettwat,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2024, mill-5.30 p.m. san-00.30 a.m., għeluq ta' Triq il-Kbira San Ġużepp mill-knisja parrokkjali Santa Venera sa kantuniera ma' Triq il-Qalb Imqaddsa. Hemm bżonn clearance,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Għaxaq

Mit-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024, fit-8.00 a.m. sal-Ħadd, 19 ta' Mejju, 2024, f'nofsinhar u mill-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024, fit-8.00 a.m. sas-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024, f'nofsinhar minn Triq il-Barbazzal u Triq San Ġużepp.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat

Bormla

Nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024, mill-4.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq l-Oratorju, Triq Santa Margerita, Triq Erin Seracino Inglott, Triq San Ġorġ u Triq il-Pellegrinaġġ.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mis-6.30 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Marsa

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Mejju, 2024, mit-8.30 a.m. sal-10.00 a.m., purċissjoni mill-headquarters tal-iscouts fi Triq il-Marsa, Triq Isouard, Triq N. Sacco u wara l-knisja. Il-purċissjoni tkompli għall-headquarters tal-iscouts. M'hemmx bżonn clearance;

Nhar il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024, mis-6.30 p.m. sas-1.00 a.m., marċ tal-banda minn quddiem iz-zuniter tal-knisja, Triq

Ħamrun

On Monday, 13th May, 2024, from 7.00 a.m. till midnight of Tuesday, 14th May, 2024, through Triq Mile End.

Closure of streets and public transport will not be affected.

Ta' Xbiex

On Monday, 13th May, 2024, from 2.00 p.m. onwards, no parking is allowed in Triq il-Ħalġ.

Santa Venera

On Monday, 13th May, 2024, from 1.00 p.m. till 10.00 p.m., through Misraħ Santa Venera. Triq Braille will also be affected,

Closure of streets and public transport will not be affected;

On Thursday, 16th May, 2024, from 5.30 p.m. till 00.30 a.m., closure of Triq il-Kbira San Ġużepp from Santa Venera parish church till corner with Triq il-Qalb Imqaddsa. Clearance needed,

Closure of street and public transport will be affected.

Ħal Għaxaq

From Monday, 13th May, 2024, at 8.00 a.m. till Sunday, 19th May, 2024 at noon and from Friday, 24th May, 2024 at 8.00 a.m. till Saturday, 25th May, 2024 at noon through Triq il-Barbazzal and Triq San Ġużepp.

Public transport will not be affected.

Cospicua

On Tuesday, 21st May, 2024, from 4.30 p.m. till 8.30 p.m., through Triq l-Oratorju, Triq Santa Margerita, Triq Erin Seracino Inglott, Triq San Ġorġ and Triq il-Pellegrinaġġ.

Public transport will be affected from 6.30 p.m. till 8.00 p.m.

Marsa

On Sunday, 19th May, 2024, from 8.30 a.m. till 10.00 a.m., procession through scouts headquarters in Triq il-Marsa, Triq Isouard, Triq N. Sacco and behind the church. Procession continues towards the scouts headquarters. No clearance needed;

On Thursday, 23rd May, 2024, from 6.30 p.m. till 1.00 a.m., band march through in front of church parvis, Triq Balbi,

Balbi, il-Pont ta' San Tumas, Triq Zerafa, Triq Magri, Pjazza Magri, Triq il-Marsa, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa u lura għal Triq Balbi sa quddiem iċ-Ċentru tal-Għaqda. Hemm bżonn clearance;

Nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024, mis-6.30 p.m. sa nofisllejl, marċ tal-banda minn quddiem l-għassa tal-pulizija fi Triq Balbi, il-Pont ta' San Tumas, Triq il-Pitkali, Triq Middleman, Triq it-Trinità Mqaddsa, Triq Zerafa, Triq il-Farfett, Pjazza Magri, Triq il-Marsa, Triq is-Sebħ, Triq il-Marsa u lura għal Triq Balbi sa quddiem iz-zuntier. Hemm bżonn clearance;

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., marċ tal-banda minn Triq Balbi, Triq P. F. Bilocca, Triq Diċembru Tlettax, Triq Zerafa, Triq Magri, Pjazza Magri, Triq il-Marsa u Triq Balbi. Programm mużikali: Triq Balbi. Marċ tal-banda: Triq Simpson, Triq Balbi, Triq is-Salib, u lura għal Triq Balbi. Hemm bżonn clearance;

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mis-6.45 p.m. sat-8.15 p.m., purċissjoni minn Triq N. Sacco, Triq ix-Xemxija, Triq il-Kungress Marjan, Triq Azzopardi Assunta, Triq Ħal Qormi, Triq San Franġisk, Triq Azzopardi u lura għal Triq Nerik Sacco. M'hemmx bżonn clearance.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Gudja

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mid-8.45 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq Santa Marija (quddiem il-Mużew tas-subien).

Il-Kalkara

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mis-7.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Rinella, Triq il-Kapuċċini u Misraħ l-Arċisqof;

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Rinella, Triq il-Kapuċċini u Misraħ l-Arċisqof.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat,

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mis-6.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Bon Kunsill quddiem il-knisja parrokkjali.

In-Nadur

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sat-8.10 p.m., minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Diċembru Tlettax u Triq Dun Ġorġ Preca.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Pont ta' San Tumas, Triq Zerafa, Triq Magri, Pjazza Magri, Triq il-Marsa, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa and back to Triq Balbi till in front of Committee's Centre. Clearance needed;

On Saturday, 25th May, 2024, from 6.30 p.m. till midnight, band march through in front of police station in Triq Balbi, Il-Pont ta' San Tumas, Triq il-Pitkali, Triq Middleman, Triq it-Trinità Mqaddsa, Triq Zerafa, Triq il-Farfett, Pjazza Magri, Triq il-Marsa, Triq is-Sebħ, Triq il-Marsa and back to Triq Balbi in front of the parvis. Clearance needed;

On Sunday, 26th May, 2024, from 5.00 p.m. till 1.00 a.m., band march through Triq Balbi, Triq P. F. Bilocca, Triq Diċembru Tlettax, Triq Zerafa, Triq Magri, Pjazza Magri, Triq il-Marsa and Triq Balbi. Musical programme: Triq Balbi. Band march: Triq Simpson, Triq Balbi, Triq is-Salib, and back to Triq Balbi. Clearance needed;

On Thursday, 30th May, 2024, from 6.45 p.m. till 8.15 p.m., procession through Triq N. Sacco, Triq ix-Xemxija, Triq il-Kungress Marjan, Triq Azzopardi Assunta, Triq Ħal Qormi, Triq San Franġisk, Triq Azzopardi and back to Triq Nerik Sacco. No clearance needed

Closure of streets and public transport will be affected.

Gudja

On Sunday, 26th May, 2024, from 8.45 a.m. till 11.00 a.m., through Triq Santa Marija (in front of boys' Museum).

Kalkara

On Sunday, 26th May, 2024, from 7.30 a.m. till noon, through Triq Rinella, Triq il-Kapuċċini and Misraħ l-Arċisqof;

On Sunday, 2nd June, 2024, from 3.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq Rinella, Triq il-Kapuċċini and Misraħ l-Arċisqof.

Public transport will not be affected.

Żejtun

On Thursday, 30th May, 2024, from 6.30 p.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Bon Kunsill in front of the parish church.

Nadur

On Thursday, 30th May, 2024, from 5.00 p.m. till 8.10 p.m., through Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq Diċembru Tlettax and Triq Dun Ġorġ Preca.

Public transport may also be affected.

Fontana/ir-Rabat, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024, mis-7.30 a.m. sal-11.30 a.m., minn ħdejn il-knisja tal-Fontana, Triq tal-Għajn, Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka u Triq Enrico Mizzi.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ta' Kerċem

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mill-4.45 p.m. sad-8.45 p.m., minn Triq Anton Calleja, Triq Indipendenza, Triq Ta' Xewka, Triq Franġisk u Roża Camilleri, Triq Anton Calleja u Pjazza San Girgor.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Għajnsielem

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mis-7.15 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq J. F. De Chambray, Triq Dun Ġużepp Galea Rapa u Pjazza Madonna ta' Loreto.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

San Lawrenz

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Pjazza San Lawrenz, Trejqet l-10 ta' Awwissu, Triq il-Wileġ, Triq Ċangura, Triq Fungus Rock, Triq id-Duluri u Pjazza San Lawrenz.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Isla

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar, minn Pjazza Benedittu XV u Triq iż-Żewġ Mini,

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar minn Triq San Filippu u Triq iż-Żewġ Mini,

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Ġiljan, Triq il-Vitorja u Triq il-Kunċizzjoni,

Trasport pubbliku se jkun affettwat mis-6.15 p.m. sad-9.30 p.m.

Tal-Pietà

Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Santa Monika, Triq Bordin, Triq l-Ursolini, Triq l-Isptar, Triq San Luqa, Triq San Girgor, Triq id-Duluri

Fontana/Victoria, Gozo

On Friday, 31st May, 2024, from 7.30 a.m. till 11.30 a.m., through near Fontana church, Triq tal-Għajn, Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka and Triq Enrico Mizzi.

Public transport may also be affected.

Ta' Kerċem

On Sunday, 2nd June, 2024, from 4.45 p.m. till 8.45 p.m., through Triq Anton Calleja, Triq Indipendenza, Triq Ta' Xewka, Triq Franġisk u Roża Camilleri, Triq Anton Calleja and Pjazza San Girgor.

Public transport may also be affected.

Għajnsielem

On Sunday, 2nd June, 2024, from 7.15 a.m. till 11.00 a.m., through Triq J. F. De Chambray, Triq Dun Ġużepp Galea Rapa and Pjazza Madonna ta' Loreto.

Public transport may also be affected.

San Lawrenz

On Sunday, 2nd June, 2024, from 9.00 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza San Lawrenz, Trejqet l-10 ta' Awwissu, Triq il-Wileġ, Triq Ċangura, Triq Fungus Rock, Triq id-Duluri and Pjazza San Lawrenz.

Public transport may also be affected.

Senglea

On Sunday, 26th May, 2024, from 8.00 a.m. till noon, through Pjazza Benedittu XV and Triq iż-Żewġ Mini,

On Sunday, 2nd June, 2024, from 8.00 a.m. till noon through Triq San Filippu and Triq iż-Żewġ Mini,

Public transport will not be affected;

On Friday, 7th June, 2024, from 8.00 a.m. till noon through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Ġiljan, Triq il-Vitorja and Triq il-Kunċizzjoni,

Public transport shall be affected from 6.15 p.m. till 9.30 p.m.

Tal-Pietà

On Wednesday, 29th May, 2024, from 6.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq Santa Monika, Triq Bordin, Triq l-Ursolini, Triq l-Isptar, Triq San Luqa, Triq San Girgor, Triq id-Duluri

u back in Triq Santa Monika. Għeluq ta' toroq sakemm jispiċċa l-marċ tal-banda u trasport pubbliku se jkun affettwat. M'hemmx bżonn clearance;

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl, marċ tal-banda u kunċert minn Triq Santa Monika u Triq id-Duluri. Għeluq ta' toroq sakemm jispiċċa l-marċ tal-banda u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat. Hemm bżonn clearance. Hemm bżonn clearance mis-6.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq id-Duluri bejn Triq San Ġużepp u Triq San Girgor;

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., għeluq ta' toroq sakemm jispiċċa l-marċ u trasport pubbliku se jkun affettwat. Hemm bżonn clearance. Triq Santa Monika, Triq Fr V. Portelli , Triq Joe Gasan, Pjazza Madonna ta' Fatima, Triq id-Duluri, Triq Pietru Xuereb, Triq Hookham Frere, Triq Santa Monika u lura għal Triq id-Duluri. Hemm bżonn clearance: Triq id-Duluri minn quddiem il-każin tal-futbol fi Triq San Ġużepp sa kantuniera ma' Triq San Girgor;

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Santa Monika, Triq id-Duluri, Triq San Girgor, Triq Hookham Frere, Telgħet Gwardamanġa, Triq Blackley, Triq id-Duluri u jispiċċa Triq ix-Xatt. Għeluq ta' triq sakemm jispiċċa l-marċ tal-banda u trasport pubbliku se jkun affettwat. M'hemmx bżonn clearance;

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mill-4.15 p.m. sal-11.30 p.m., marċ tal-banda u purċissjoni; hemm bżonn clearance fi Triq Santa Monika, Triq Blackley, Telgħet Gwardamanġa, Triq ix-Xatt, Triq id-Duluri, Triq Schinas, Triq K. Mifsud, Triq San Girgor, Triq Edgar Ferro, Triq San Ġużepp, Triq Hookham Frere u lura għal Triq Santa Monika. Għeluq ta' triq sakemm jispiċċa l-marċ tal-banda u trasport pubbliku se jkun affettwat. Hemm bżonn clearance.

Il-Fontana

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2024, mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq il-Għajn;

Nhar is-Sibt, il-15 ta' Ġunju, 2024, mill-4.30 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq Dun Ġuzepp Grima, Triq is-Sajjied, Triq il-Għajn u Triq il-Qalb ta' Ġesù;

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Ġunju, 2024, mill-10.00 a.m. sat-3.00 p.m., minn Triq iċ-Ċentru Parrokkjali;

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Ġunju, 2024, mill-5.30 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Triq Enrico Mizzi, Pjazza San Franġisk, Triq Vajrinġa, Triq l-Iskola, Triq Alfons Maria Hili, Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

and back in Triq Santa Monika. Closure of streets till the ending of the band march and public transport will be affected. No clearance needed;

On Thursday, 30th May, 2024, from 5.00 p.m. till midnight, band march and concert through Triq Santa Monika and Triq id-Duluri. Closure of streets till the ending of the band march and public transport will not be affected. Clearance needed. Clearance needed from 6.00 a.m. till midnight through Triq id-Duluri between Triq San Ġużepp and Triq San Girgor;

On Friday, 31st May, 2024, from 5.00 p.m. till 1.00 a.m., closure of roads till the ending of the band march and public transport will be affected. Clearance needed. Triq Santa Monika, Triq Fr V. Portelli , Triq Joe Gasan, Pjazza Madonna ta' Fatima, Triq id-Duluri, Triq Pietru Xuereb, Triq Hookham Frere, Triq Santa Monika and back to Triq id-Duluri. Clearance needed: Triq id-Duluri from in front of football band club in Triq San Ġużepp till corner with Triq San Girgor;

On Saturday, 1st June, 2024, from 6.30 p.m. till 11.30 p.m., through Triq Santa Monika, Triq id-Duluri, Triq San Girgor, Triq Hookham Frere, Telgħet Gwardamanġa, Triq Blackley, Triq id-Duluri and ends in Triq ix-Xatt. Closure of street till the ending of the band march and public transport will be affected. No clearance needed;

On Sunday, 2nd June, 2024, from 4.15 p.m. till 11.30 p.m., band march and procession; clearance needed in Triq Santa Monika, Triq Blackley, Telgħet Gwardamanġa, Triq ix-Xatt, Triq id-Duluri, Triq Schinas, Triq K. Mifsud, Triq San Girgor, Triq Edgar Ferro, Triq San Ġużepp, Triq Hookham Frere and back to Triq Santa Monika. Closure of street till the ending of the band march and public transport will be affected. Clearance needed.

Fontana

On Friday, 14th June, 2024, from 7.30 p.m. till 1.00 a.m., through Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili and Triq il-Għajn;

On Saturday, 15th June, 2024, from 4.30 p.m. till 1.00 a.m., through Triq Dun Ġuzepp Grima, Triq is-Sajjied, Triq il-Għajn and Triq il-Qalb ta' Ġesù;

On Sunday, 16th June, 2024, from 10.00 a.m. till 3.00 p.m., through Triq iċ-Ċentru Parrokkjali;

On Sunday, 16th June, 2024, from 5.30 p.m. till 1.00 a.m., through Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Triq Enrico Mizzi, Pjazza San Franġisk, Triq Vajrinġa, Triq l-Iskola, Triq Alfons Maria Hili, Triq il-Għajn and Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Public transport may also be affected.

Ħal Kirkop

Mill-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 2024, f'nofsinhar, sal-Ħadd, 23 ta' Ġunju, 2024, f'nofsinhar, minn Triq il-Lewżiet u Triq iż-Żebbieġħ minn Triq l-Infanterija sa Triq il-Ħawħ.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Mejju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 100

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Santa Luċija

Kull moviment tat-traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit f'dawn id dati u hinijiet hawn taħt:

Nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024, u t-Tlieta, 14 ta' Mejju, 2024, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Dawret it-Torri.

Transport pubbliku mhux se jiġi affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Mejju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 101

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Batterija, Triq il-Kanun, Triq Pietru Docoutrus u Triq il-Palazz l-Aħmar.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ħal Kirkop

From Friday, 21st June, 2024, at noon, till Sunday, 23rd June, 2024, at noon, through Triq il-Lewżiet and Triq iż-Żebbieġħ from Triq l-Infanterija till Triq il-Ħawħ.

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

10th May, 2024

POLICE NOTICE

No. 100

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Santa Luċija

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on the date and time hereunder:

On Monday, 13th May, 2024, and Tuesday, 14th May, 2024, from 6.00 a.m. till midnight, on both days, through Triq Dawret it-Torri.

Public transport will not be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

10th May, 2024

POLICE NOTICE

No. 101

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Monday, 13th May, 2024, from 6.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Batterija, Triq il-Kanun, Triq Pietru Docoutrus and Triq il-Palazz l-Aħmar.

Public transport will be affected.

Iż-Żejtun

Nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024, mit-3.00 p.m. sal-4.30 p.m., u nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mid-9.30 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq il-Kostituzzjoni (sal-mużew tas-subien), Triq l-Ispirtu Santu, Triq Santa Katarina u Misraħ ir-Repubblika,

Għeluq ta' triq biss sakemm tgħaddi l-purċissjoni u trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mis-7.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Bon Kunsill quddiem il-knisja parrokkjali, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santu Wistin, Triq id-Duluri, Triq il-Palazzi, Triq l-Isqof E. M. Galea, Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika u Triq il-Bon Kunsill quddiem il-knisja parrokkjali.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Gudja

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mid-9.15 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata u Triq R. Caruana sal-knisja parrokkjali,

Trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni;

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m., minn Triq iż-Żebbuġa, Triq G. Cassar, Triq il-Kbira, Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq Tal-Ħofra, Vjal it-Torri, Triq Raymond Caruana u Triq il-Kbira,

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Safi

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mid-9.30 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq Santa Marija, Misraħ il-Knisja u Triq iż-Żurrieq.

Trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Birżebbuġa

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mit-8.30 a.m. sal-10.00 a.m., minn Triq il-Bżulija, Triq il-Qolla, Triq San Tumas, Triq Sant'Anġlu, Triq il-Kurat Fenech, il-Pjazza u Triq is-Sajjieda.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Marsaxlokk

Nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024, mit-3.30 p.m. sal-5.00

Żejtun

On Saturday, 25th May, 2024, from 3.00 p.m. till 4.30 p.m., and on Sunday, 26th May, 2024, from 9.30 a.m. till 11.00 a.m., through Triq il-Kostituzzjoni (in front of the boys' Museum), Triq l-Ispirtu Santu, Triq Santa Katarina and Misraħ ir-Repubblika,

Closure of street only till the passing of the procession and public transport will also be affected;

On Thursday, 30th May, 2024, from 7.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq il-Bon Kunsill in front of parish church, Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santu Wistin, Triq id-Duluri, Triq il-Palazzi, Triq l-Isqof E. M. Galea, Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika and Triq il-Bon Kunsill in front of parish church.

Public transport will also be affected.

Gudja

On Sunday, 26th May, 2024, from 9.15 a.m. till 11.00 a.m., through Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata and Triq R. Caruana till the parish church,

Public transport will also be affected till the passing of the procession;

On Saturday, 1st June, 2024, from 6.30 p.m. till 9.30 p.m., through Triq iż-Żebbuġa, Triq G. Cassar, Triq il-Kbira, Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq Tal-Ħofra, Vjal it-Torri, Triq Raymond Caruana and Triq il-Kbira,

Public transport will also be affected.

Ħal Safi

On Sunday, 26th May, 2024, from 9.30 a.m. till 11.00 a.m., through Triq Santa Marija, Misraħ il-Knisja and Triq iż-Żurrieq.

Public transport will also be affected till the passing of the procession.

Birżebbuġa

On Sunday, 26th May, 2024, from 8.30 a.m. till 10.00 a.m., through Triq il-Bżulija, Triq il-Qolla, Triq San Tumas, Triq Sant'Anġlu, Triq il-Kurat Fenech, the square and Triq is-Sajjieda.

Public transport will not be affected.

Marsaxlokk

On Saturday, 25th May, 2024, from 3.30 p.m. till 5.00

p.m., minn Triq San Ġużepp (quddiem il-mużew), Triq Santa Katarina u Triq Duncan;

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq San Ġużepp, Xatt is-Sajjieda, Triq Sant'Andrija, Triq il-Firilla, Triq San Franġisk, Triq Tax-Xerriek u Triq il-Luzzu.

Trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Baħar iċ-Ċagħaq limiti tan-Naxxar

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mis-7.30 a.m. sal-10.30 a.m., minn Triq Tul il-Kosta.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Mejju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 102

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mis-2.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq Kalċidon Agius, Triq iż-Żenqa, Triq Santa Luċija u Pjazza Vittorja;

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Vjal il-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa, Triq Santa Luċija u Pjazza Vittorja.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq San Trofimu (minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Dun Pawl Vella).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Mejju, 2024

p.m., through Triq San Ġużepp (in front of the Museum), Triq Santa Katarina and Triq Duncan;

On Thursday, 30th May, 2024, from 6.30 p.m. till 8.30 p.m., through Triq San Ġużepp, Xatt is-Sajjieda, Triq Sant'Andrija, Triq il-Firilla, Triq San Franġisk, Triq Tax-Xerriek and Triq il-Luzzu.

Public transport will be affected till the passing of the procession.

Baħar iċ-Ċagħaq limits of Naxxar

On Sunday, 2nd June, 2024, from 7.30 a.m. till 10.30 a.m., through Triq Tul il-Kosta.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

10th May, 2024

POLICE NOTICE

No. 102

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

On Sunday 2nd June, 2024, from 2.00 p.m. till 9.30 p.m., through Triq il-Kbira, Triq l-Imdina, Triq is-Salib, Triq il-Ġdida, Triq Kalċidon Agius, Triq iż-Żenqa, Triq Santa Luċija and Pjazza Vittorja;

On Friday, 7th June, 2024, from 3.00 p.m. till 9.00 p.m., through Vjal il-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Triq iż-Żenqa, Triq Santa Luċija and Pjazza Vittorja.

Tas-Sliema

On Friday, 7th June, 2024, from 5.00 p.m. till 9.00 p.m., through Triq San Trofimu (from Triq San Ġwann Battista till Triq Dun Pawl Vella).

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

10th May, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 40 tal-2024

Xogħlijiet ta' Tħammil fil-Malta Freeport – West Quay Terminal 2

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir tħammil fil-Malta Freeport – West Quay Terminal 2.

It-tħammil se jsir fiż-żona A, B, C, D u x-xatt ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Il-bastimenti kollha huma avżati biex iżommu 'l bogħod minn din iż-żona meta jkun qiegħed isir it-tħammil.

It-tħammil se jibda b'seħħ immedjat u mistenni jitlesta sal-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024.

Ix-xogħlijiet se jsiru matul il-jum.

It-tħammil se jsir bl-użu ta' crane dredger, li jkun qed jgħabbi l-materjal imħammel fuq hopper barge. Safety work boat se tkun qed tassisti, kif meħtieġ, matul ix-xogħlijiet ta' tħammil.

Il-bastimenti impenjati fix-xogħlijiet tat-tħammil se jkunu qed jesebixxu d-dwal u l-forom xierqa skont ir-rekwiżiti tar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (Colregs) 1972.

Il-baħħara għandhom joqogħdu attenti u jinnavigaw bil-mod (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza, u jagħtu lill-bastimenti msemmija hawn fuq spazju wiesa' ta' 50m meta jintlemħu.

Huma għandhom ukoll josservaw kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16 minn Valletta VTS u jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Chart affettwata: BA 36

L-10 ta' Mejju, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 40 of 2024

Dredging Works at Malta Freeport – West Quay Terminal 2

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that dredging works will be carried out at Malta Freeport – West Quay, Terminal 2.

The dredging works will be carried out within the area A, B, C, D, and the intermediate coastline, as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), all vessels are instructed to keep out of this area when the dredging works are in progress.

The dredging works will commence with immediate effect and are expected to be completed by Friday, 31st May, 2024.

The works will be carried out during daylight hours.

Dredging works will be carried out using a crane dredger, which will be loading the dredged material on to hopper barges. A safety work boat will be assisting, as necessary, throughout the dredging works.

The vessels engaged in the dredging works will be exhibiting the appropriate lights and shapes in accordance with the requirements of the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea (Colregs) 1972.

Mariners are to keep a sharp lookout, navigate at very slow speed (no wake) when in the vicinity and give the above-mentioned vessels a wide berth of 50m when sighted.

They are also to comply with any instructions given on VHF Channel 14 and/or 16 by Valletta VTS and to co-operate with the contractor on site.

Chart affected: BA 36

10th May, 2024

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Pożizzjoni ta' Technical Attaché (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jilqa'

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Position of Technical Attaché (Education, Youth, Culture and Sport) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, invites applications

applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Technical Attaché (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Technical Attaché fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Technical Attaché hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni ta' Technical Attaché li hi waħda ta' fiduċja, din tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti mit-Technical Attaché matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

2.5 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.6 a. L-ingaġġ bħala Technical Attaché huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul se jkun stazzjonat fi Brussell (il-Belġju).

b. Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar (1) minn meta tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

2.7 Impjegati li jkunu jaħdmu mas-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' Technical Attaché jridu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala Technical Attaché. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.8 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché, il-persuna magħżula terġa' tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Malta u l-Allowances ta' Post Aġġustament marbut mal-pożizzjoni ta' Technical Attaché

for the position of Technical Attaché (Education, Youth, Culture and Sport) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Technical Attaché in the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels (Belgium).

2.2 The position of Technical Attaché is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position of trust, the position of Technical Attaché constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) (b) (ii) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Unsatisfactory performance as Technical Attaché during any time of this assignment period will lead to termination of the Agreement.

2.5 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Technical Attaché.

2.6 a. The engagement as Technical Attaché is on a full-time basis and the selected candidate will be stationed in Brussels (Belgium).

b. The selected candidate must be able to move to Brussels within one (1) month of being informed that she/he has been successful in the application process.

2.7 Public Sector employees selected for the position of Technical Attaché must make their own arrangements with their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Technical Attaché before signing their Agreement as Technical Attaché.

2.8 In the case of a selected candidate emanating from a Public Sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Technical Attaché, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Technical Attaché.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Malta Salary and the Post Adjustment Allowances attached to the position of a Technical Attaché is equivalent

huwa ekwivalenti għal inkriment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €31,511.83 fl-2024), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar. Barra minn hekk, it-Technical Attaché se jirċievi l-benefiċċji u l-allowances kif spjegati fil-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas'.

3.2 F'każijiet fejn il-persuna magħżula tkun diġà qed isservi fil-pożizzjoni ta' Technical Attaché b'salarju, benefiċċji u allowances li huma ogħla minn dawk stabbiliti f'paragrafu 3.1 hawn fuq, il-kumpens applikabbli f'dawn il-każijiet eċċezzjonali ta' ħatra mill-ġdid għandu jkun tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u allowances.

3.3 Għat-tul tal-Ftehim, it-Technical Attaché jkun marbut mal-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; Condser Jannar 2024 V1.2) li jistgħu jiġu aġġornati minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Technical Attaché jinkludu:

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024).pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżiti li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta'

Applicants in possession of an MCAST MQF Level 3 Diploma, or an MCAST-BTEC First Diploma, or an MCAST- BTEC Diploma or a City and Guilds Level 2 Certificate will also be considered as long as this is in a police related subject;

iv. have attained their eighteenth (18) birthday by end of March 2025;

v. have not attained their thirty-ninth (39) birthday by end of March 2025;

vi. be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness in the Force to be able to perform all Police duties;

vii. applications by candidates having tattoos and/or heavy body piercing and/or body modifications will be regulated as per the Malta Police Force Tattoos Policy found at the link (http://pulizija.gov.mt/en/police-force/police-vacancies/Documents/POL-TAT.pdf);

viii. applications by candidates having body modifications and/or body piercing will be considered on an case-by-case basis.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the General Provisions http://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not meet, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF leve by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition

rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Applikanti se jkunu suġġetti għas-Security Clearance u dawk li qed japplikaw minn Korpi Dixxiplinari oħra se jkunu ukoll suġġetti għall-kondotta ta' dmir mill-Korpi Dixxiplinari tagħhom.

4.7 Barra minn hekk, kandidati li huma parzjalment eliġibbli li jintalbu jattendu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, sabiex jimlew formoli ta' kunsens u dikjarazzjoni. Matul il-proċess kollu sal-istadju tal-ħatra, isir screening adekwat fuq kull kandidat. Jekk jirriżulta li jew id-dikjarazzjoni sottomessa tkun falza jew l-applikant jonqos

statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants will be made subject to Security Clearance and those applying from other Disciplinary Forces are also subject to performance conduct from their Disciplinary Forces.

4.7 Furthermore, partially eligible candidates shall be requested to attend at the Police General Headquarters, Floriana, for them to be measured and to complete a declaration and consent forms. Throughout the process, up to appointment stage, due screening will be carried out on each candidate. If it transpires that either the submitted

milli jissodisfa l-livell ta' kondotta meħtieġa, il-kandidat jiġi skwalifikat u jkun eskluż milli jipproċedi fil-proċess tal-għażla.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomossjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6. L-EWWEL PARTI – EFFIĊJENZA FIŻIKA/TEST MEDIKU

6.1 L-applikanti se jkunu suġġetti għal Test tal-Effiċjenza Fiżika, li għandu jsir taħt bord tal-għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-istandards tal-Korp tal-Pulizija skont kif indikat hawn taħt:

L-1 FAŻI: MULTI-STAGE FITNESS TEST 'BLEEP TEST 15-METERS'

It-test jibda bir-rakkomandazzjoni tal-15 Meters Multi Stage FitnessTest imsejjaħ bħala 'bleep test', (https://www.youtube.com/watch?v=nNsVzKt5lPQ). Dan it-test huwa bbażat fuq evidenza xjentifika u huwa ddisinjat biex jaqbel mal-ħtiġiet aerobiċi tat-Taħriġ tas-Sigurtà Personali.

– Waqt li jisma' r-recording tal-Multistage Fitness Test, l-applikant għandu jiġri lejn u minn distanza ta' 15-il metru fil-ħin mal-bleeps.

– Jekk jasal fil-linja tat-tarf qabel ma jinstema' l-bleep, irid jistenna l-bleep qabel jkompli jiġri u għandu jaġġusta l-veloċità tiegħu kif xieraq.

– Il-ħin bejn il-bleeps għall-ewwel huwa bil-mod (il-bleeps huma madwar seba' sekondi 'l bogħod minn xulxin) iżda jsiru aktar spissi hekk kif it-test javvanza.

– Hekk kif it-test javvanza, se jkun iktar diffiċli li jlaħħaq mal-veloċitá meħtieġa.

declaration was false or that the required degree of conduct is not met, the candidates will be disqualified and will be precluded from proceeding further in the selection process.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6. PART ONE – PHYSICAL EFFICIENCY/MEDICAL TEST

6.1 Applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to be held under a selection board appointed by the Commissioner of Police, to ensure fitness to the Malta Police Force standards as indicated below:

PHASE 1: MULTI-STAGE FITNESS TEST 'BLEEP TEST 15-METERS'

The test starts with the recommendation of the 15 Meters Multi Stage Fitness Test referred to as the 'bleep test', (https://www.youtube.com/watch?v=nNsVzKt5lPQ). This test is based on scientific evidence and is designed to match the aerobic demands of Personal Safety Training.

– While listening to the Multistage Fitness Test recordning the applicant should run to and from along the 15-meter distance in time with the bleeps.

– If the applicant arrives at the end line before the bleep sounds, the applicant needs to wait for the bleep before resuming running and should adjust the speed accordingly.

– The timing between bleeps is slow at first (the bleeps are about seven seconds apart) but they become faster as the test progresses.

– As the test progresses, it will become more difficult to keep up with the required speed.

– Ikun hemm penali jekk l-applikant jonqos milli jilħaq il-linja fil-bleep xieraq. Total ta' tliet (3) penali huma aċċettati bit-tielet waħda tirriżulta fit-tmiem tat-test.

It-test jinvolvi 15-metre shuttle runs b'ħin totali ta' 3 minuti u 35 sekonda. Jekk l-applikant jonqos milli jilħaq il-livell ta' 5.4 jigi skwalifikat u ma jkomplix għat-tieni test.

IT-2 FAŻI: JOB-RELATED CIRCUIT TEST

L-1 Ostaklu: L-applikant joqgħod fil-karozza tal-għassa biċ-ċinturin tas-sigurtá milbus u b'idejh fuq l-isteering wheel. Mas-saffara l-applikant joħroġ mill-vettura u jiġri għal 40 metru lejn l-ewwel stazzjon.

It-2 Ostaklu: L-applikant ikollu jaqbeż barrikata tal-ilma li tkun ~ 80cm għolja.

It-3 Ostaklu: L-applikant irid jagħmel tyre shuffle ta' tnax-il tyre.

Ir-4 Ostaklu: L-applikant irid jaqbeż minn fuq barrikata tal pulizija.

Il-5 Ostaklu: L-applikant irid idawwar tajer ta'50 Kilo għal darbtejn.

Is-6 Ostaklu: L-applikant irid jitla' taraġ, idur ma'cone, u jinżel it-taraġ. Huwa importanti li mill-inqas sieq waħda titqiegħed fuq kull tarġa għat-tul kollu tat-taraġ.

Is-7 Ostaklu: L-applikant irid jiġri tul passaġġ bejn tajers għal 15-il metru.

It-8 Ostaklu: L-applikant irid ikaxkar manikin ta' 50 Kilo għal distanza ta' 20 metru.

Id-9 Ostaklu: L-applikant irid jitkaxkar taħt għoli ta' 60 ċentimetru għal tul ta'4 metri.

L-applikant jispiċċa l-korsa ladarba ddoqq il-qanpiena fil-linja tat-tmiem. Jekk l-applikant jonqos milli jlesti wieħed (1) mid-disa' (9) ostakli ta' hawn fuq, jiġi skwalifikat awtomatikament. It-test irid jitlesta fi'żmien massimu ta' 2 minuti u 30 sekonda.

RIMARKI OĦRA

1. Il-General Physical Intake Standards Test jinqasam f'żewġ partijiet b'perjodu ta' mistrieħ ta' 15-il minuta għal stretching u l-idratzzjoni.

2. It-testijiet isiru fiż-żona tal-parkeġġ tal-Kumpless Ta' Kandja u l-bini tal-gymnasium. Se jsir assessjar tar-riskju sabiex jimminimizza u jaċċerta li r-riskji kollha tneħħew jew

– If the applicant fails to reach the line in the appropriate bleep a penalty is incurred. A total of three (3) penalties is accepted with the third one resulting in the end of the test.

The test involves a 15-meter shuttle run with a total time of 3 minutes 35 seconds. If an applicant fails to reach the level of 5.4 they will be dismissed and would not continue onto the second test.

PHASE 2: JOB-RELATED CIRCUIT TEST

Obstacle 1: Applicant would sit in patrol car with seatbelt fastened and hands on the steering wheel. On whistle, person exists the vehicle and runs for 40 meters to the first station.

Obstacle 2: Applicant would have to jump a water barrikata which is ~ 80 cm in height.

Obstacle 3: Applicant would tyre shuffle 12 tyres.

Obstacle 4: Applicant would jump over a police barrikata.

Obstance 5: Applicant would flip a 50 Kilogram tyre twice.

Obstacle 6: Applicant would climb a flight of stairs, turn around a cone, and climb down the stairs. It is important that at least one foot is placed on each step for the entire flight of stairs.

Obstacle 7: Applicant would run along a path between tyres for 15 meters.

Obstacle 8: Applicant would drag a dummy of 50 Kilograms and 20meters distance.

Obstacle 9: Applicant would crawl under a height of 60 centimeters for the duration of 4 meters

Applicant finishes the course once they ring a bell at the finish line. If an applicant fails to complete one (1) of the above nine (9) stations, it is considered to be an automatic failure. The test must be completed within a maximum time of 2 minutes 30 seconds.

OTHER REMARKS

1. The General Physical Intake Standards Test will be split into two parts with a 15 minute rest period for stretching and hydration.

2. The tests will be carried out at the Ta' Kandja Complex parking area and the gymnasium building. A risk assessment will be conducted so to minimise and ascertain that all risks

tnaqqsu. Persunal iċċertifikat fl-Ewwel Għajnuna se jkun fuq il-post.

3. L-applikanti kollha li jwettqu t-test għandhom jimlew Kwestjonarju ta' Preparazzjoni għall-Attività Fiżika (formola PAR-Q).

4. Għalliem tal-fiżika jkun fuq il-post matul it-test sabiex jassisti u jiżgura s-sigurtá.

5. Resit ikun disponibbli fi żmien ġimgħa għal dawk li jfallu. Ir-resits għandhom isiru b'mod sħiħ.

6.2 Il-kandidati li ma jgħaddux mit-Test tal-Effiċjenza Fiżika, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għat-test sħiħ fi żmien ġimgħa (1).

6.3 Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika li jipproċedu għat-Test Mediku Preliminari.

6.4 Il-kandidati li jgħaddu mit-Test Mediku Preliminari mbagħad jipproċedu għall-Intervista Selettiva.

7. IT-TIENI PARTI – INTERVISTA SELETTIVA

7.1 Intervista selettiva intiża sabiex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun u oħrajn meħtieġa minn Kuntistabbli.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3 Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.4 Huma biss il-kandidati li jkunu għaddew b'suċċess mill-intervista selettiva li jkunu suġġetti li jagħmlu l-eżami mediku. Ir-riżultat tal-intervista selettiva jkun ikkunsidrat bħala proviżorju fl-ordni ta' mertu, li jibqa' jgħodd sa sentejn (2) min-notifika tar-riżultat.

7.5 Il-kandidati huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprentistat, ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Jobsplus li jħollhom mill-ftehim tal-iskema ta' apprentistat ieħor.

8. IT-TIELET PARTI – EŻAMI MEDIKU

8.1 Il-kandidati li jgħaddu mill-intervista selettiva jiġu msejħa għall-eżami mediku skont l-ordni tal-mertu sabiex eventwalment ikunu jistgħu jimtlew pożizzjonijiet vakanti. Il-kandidati li ma jgħaddux mill-eżami mediku ma jitħallewx jipproċedu għall-parti erbgħa kif tidher hawn taħt.

have been removed or reduced. First-aid Certifies Personnel will be on site.

3. All applicants conducting the test must complete a Physical Activity Readiness Questionnaire (PAR- Q form)

4. A physical instructor will be on-site during the test in order to assist and ensure safety.

5. A resit will be available within a week to those who fail. Resits must be conducted in full.

6.2 Candidates who fail the Physical Efficiency Test will be able to effect a resit within one (1) week.

6.3 Only candidates who pass all components of the Physical Efficiency Test will proceed to the Preliminary Medical Test.

6.4 Those candidates who pass the Preliminary Medical Test will then proceed with the Selective Interview.

7 PART TWO – SELECTIVE INTERVIEW

7.1 A selective interview designed to bring to the force those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc., required of a Police Constable will be held.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

7.3 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.4 Only candidates who have successfully passed the Selective Interview will be subject to the Medical Examination. The result of the Selective Interview will be considered as a provisional order of merit, which will remain valid for a period of two (2) years from the notification of results.

7.5 Candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from Jobsplus a certificate of their release from the engagement.

8 PART THREE – FULL MEDICAL TEST

8.1 Candidates who pass the Selective Interview will be called for a full Medical Test according to the provisional order of merit and subject to the availability of vacancies. Candidates who fail in any part of the full medical test will not be allowed to proceed to part four.

9. IR-RABA' PARTI – IR-REKLUTAĠĠ

9.1 Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali komprensiv, li matulu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra, skont il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu, il-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Il-kandidati jridu jattendu mill-anqas 80% tal-kors u jgħaddu b'suċċess mill-eżamijiet mogħtija. Kuntistabbli fuq taħrig ma jkunux intitolati għal-ebda 'vacation leave' matul il-perjodu ta' taħrig tagħhom fl-Akkademja.

9.2 Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli fuq Taħriġ, ikunu intitolati għal uniformi b'xejn. Jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq shift taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol billejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. It-taħriġ jista' jinkludi wkoll work placement. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati jista' jkun fuq bażi residenzjali.

9.3 Il-marka massima għar-raba' parti ta' dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi għal kull suġġett eżaminabbli hi skont il-kors tat-taħriġ tal-Akkademja. L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Kuntistabbli u l-perjodu ta' taħriġ tagħhom jiġi terminat. Madankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jtemm fi kwalunkwe ħin il-kors ta' Kuntistabbli fuq taħriġ jekk dan/din juri/turi progress mhux suffiċjenti, nuqqas ta' mġiba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

9.4 Il-ħatriet isiru skont l-ordni tal-mertu finali u suġġett għall-postijiet vakanti. Din l-ordni tal-mertu tibqa' valida għal perjodu ta' sentejn (2) min-notifika tar-riżultati.

9.5 Il-kandidati jkunu suġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, skont ir-Regoli tad-Dixxiplina tal-PSC.

9.6 Pulizija Kuntistabbli bi prova jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-esiġenzi tas-servizz.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

10 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, permezz tal-Portal

9 PART FOUR – TRAINEESHIP

9.1 The traineeship period will consist of a comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in the course of training. The aforementioned comprehensive course will be held at the Academy for Disciplined Forces and/or elsewhere as necessary. During the training period Trainee Police Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Candidates are to attend at least 80% of the course and to pass successfully from the exams. Trainee Police Constables will not be entitled to any vacation leave during their period of traineeship.

9.2 Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Police Constables, will be entitled to free issue of uniforms. They might be requested to do practical work on a shift basis, under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Training may also include work placement. Part of the training at the Academy for Disciplined Forces may be on a residential basis.

9.3 The maximum mark of Part Four – Traineeship is 100% and the pass mark per subject is according to the Course Programme issued by the Academy for Disciplined Forces. The final order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who fail will not be appointed Probationary Police Constables and will have their traineeship terminated. However, one other chance of a resit in failing subjects examinations/s might be given.

The Commissioner of Police can terminate at any time the traineeship of a trainee Police Constable upon unsatisfactory progress, misbehavior, bad attitude or lack of motivation.

9.4 Vacant posts will be filled according to the final order of merit and subject to the availability of vacancies. The order of merit will be valid for a period of two (2) years from the notification of results.

9.5 During the traineeship, candidates are subject to discipline as per PSC Disciplinary Regulations.

9.6 Probationary Police Constables may also be required to train and serve abroad according to the exigencies of the service.

Submission of Applications

10. Applications, are to be submitted for the attention of the Commissioner of Police, through the online

tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt) (taħt Uniformed and Security). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

11. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

12 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

13 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

14 L-applikanti li huma parzjalment eliġibbli jiġu mitluba sabiex jattendu fis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani sabiex jitkejlu u jimlew formola addizzjonali bħala parti mill-applikazzjoni. Din il-formola għandha timtela fil-preżenza tal-uffiċjal inkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u/jew uffiċjal appuntat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Minbarra dan, l-applikanti għandhom ukoll iġibu magħhom żewġ (2) ritratti riċenti daqs tal-passaport.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

15 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) (under Uniformed and Security). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct not later than one month from the date of application as applicable which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 17th June, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

11. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

12. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

13. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

14. The partially eligible applicants will then be invited to attend at the Human Resources Section to be measured and to fill in an Additional Information Sheet, as part of the application process. This Additional Information Sheet is to be filled in the presence of the officer in charge – Human Resources and/or another officer appointed by the Commissioner of Police. Furthermore, applicants are also to submit two (2) passport-size photographs.

Other General Provisions

15. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024).pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Il-Furjana. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (https://pulizija.gov.mt/) u (hr.police@gov.mt).

L-10 ta' Mejju, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Espressjoni ta' interess għal Ambaxxaturi tal-Qari fuq bażi ta' kuntratt għal servizz (it-tieni sejħa)

Espressjoni ta' Interess

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda terġa' toħroġ is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess minn personalitajiet magħrufa lokali fuq bażi ta' kuntratt għal servizz biex jipprovdu sessjonijiet ta' qari għall-gost lit-tfal. L-Ambaxxaturi tal-Qari jistgħu jkunu atturi, xandara, awturi, żeffiena, sportivi, ġurnalisti, kantanti, jew preżentaturi.

Informazzjoni dwar l-għanijiet tas-servizz, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Ambaxxaturi tal-Qari, it-termini u l-kundizzjonijiet, il-kriterji ta' eliġibbiltà u kif tapplika, jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024.

L-10 ta' Mejju, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għal Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 545.24) – Lulju 2024

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li se jsiru eżamijiet tat-Teorija tal-Elettriku u tat-Teknoloġija tal-Installazzjoni Elettrika bejn it-Tnejn, l-1 ta' Lulju, 2024 u l-Ħamis, 4 ta' Lulju, 2024, sabiex l-applikanti li jgħaddu jkunu jistgħu japplikaw għand ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) għall-ħruġ ta' Awtorizzazzjoni 'A' u 'B', kif stipulat fl-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545) u r-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S.545.24).

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf) or may be obtained from Human Resources Section, Police General Headquarters, Floriana. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department are (https://pulizija.gov.mt/) and (hr.police@gov.mt).

10th May, 2024

NATIONAL LITERACY AGENCY

Expression of interest for Reading Ambassadors on a contract for service basis (second call)

Expression of Interest

The National Literacy Agency is reissuing the call for expression of interest by local personalities to provide interactive reading sessions for children on a contract for service basis. Reading Ambassadors can be actors, broadcasters, authors, dancers, sportspersons, journalists, singers, or presenters.

Information on the objectives of the service, duties and responsibilities of Reading Ambassadors, terms and conditions, eligibility criteria and on how to apply, may be obtained from (https://nla.gov.mt), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Application deadline is Wednesday, 22nd May, 2024.

10th May, 2024

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation Examination for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Electrical Installations Regulations (S.L.545.24) – July 2024

1. The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that the examinations for Electrical Theory and Electrical Installation Technology will be held between Monday, 1st July, 2024 and Thursday, 4th July, 2024, to enable successful candidates to apply for the issue of Authorisations 'A' and 'B' at the Regulator for Energy and Water Services (REWS) as stipulated in the Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545) and Electrical Installations Regulations (S.L.545.24).

2. Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubblici Lokali jgħarrfu wkoll li l-Eżami Prattiku u l-Intervista marbutin mal-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu installazzjoni tal-elettriku 'A' u 'B' se jsiru bejn it-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2024 u t-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2024.

3. Kopja tas-sillabu tista' titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet minn (https://myexams.gov.mt/mt/local-licences-examinations/).

4. L-eżamijiet huma mqassma kif ġej:

(a) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'A' – Single Phase

Karta I (Eżami bil-miktub)

Ħin: Sagħtejn (2)
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Karta II (Eżami bil-miktub)

Ħin: 3 sigħat
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Eżami Prattiku u Intervista

Ħin: Siegħa
Prattiku: Marka (Mass. 70%)
Intervista: Marka (Mass. 30%)
Marka globali: 100% (Mass.), Pass mark 50%

(b) Eżami għall-Awtorizzazzjoni 'B' – Three Phase

Karta I (Eżami bil-miktub)

Ħin: Sagħtejn (2)
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Karta II (Eżami bil-miktub)

Ħin: 3 sigħat
Marka: 100% (Mass.), Pass mark 50%

Eżami Prattiku u l-Intervista

Ħin: Siegħa
Prattiku: Marka (Mass. 70%)
Intervista: Marka (Mass. 30%)
Marka globali: 100% (Mass.), Pass mark 50%

5. Il-kandidati jridu jgħaddu miż-żewġ karti tal-kitba fl-istess sessjoni tal-eżamijiet sabiex ikunu eliġibbli għall-Eżami Prattiku u l-Intervista.

2. The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations also notify that the Practical /Interview Examination in connection with the Authorisation of a service provider for electrical installation 'A' and 'B' will be held between Monday, 9th September, 2024 and Monday, 30th September, 2024.

3. A copy of the syllabus of the examination may be obtained from the website of the Department of Examinations from (https://myexams.gov.mt/local-licences-examinations/).

4. The examination will be held as follows:

(a) Authorisation 'A' Examination – Single Phase

Paper I (Written)

Time allowed: 2 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Paper II (Written)

Time allowed: 3 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Practical Test and Interview

Time allowed: 1 hour
Practical test: Mark (Max. 70%)
Interview : Mark (Max. 30%)
Global mark: 100% (Max.), Pass mark 50%

(b) Authorisation 'B' Examination – Three Phase

Paper I (Written)

Time allowed: 2 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Paper II (Written)

Time allowed: 3 hours
Marks: 100% (Max.), Pass mark 50%

Practical Test and Interview

Time allowed: 1 hour
Practical test: Mark (Max. 70%)
Interview: Mark (Max. 30%)
Global mark: 100% (Max.), Pass mark 50%

5. Candidates need to pass from both written papers of the same examination session to be eligible for the Practical/Interview test.

6. L-applikanti li għaddew miż-żewġ karti bil-miktub iżda m'għaddewx fl-Eżami Prattiku u l-Intervista m'għandhomx għalfejn jerġgħu jpoġġu għall-karti bil-miktub sakemm l-Eżami Prattiku u l-Intervista jsir fi żmien li ma jaqbiżx is-sentejn mis-sessjoni tal-eżami bil-miktub.

7. Biex il-kandidati jkunu jistgħu japplikaw mar-REWS għall-Awtorizzazzjoni 'A' jew Awtorizzazzjoni 'B' iridu jkunu kisbu pass mark fiz-żewġ karti (Paper I u Paper II) kif ukoll kisbu pass mark fl-Eżami Prattiku u l-Intervista.

8. Il-kandidati jistgħu japplikaw online permezz tas-sit (https://myexams.gov.mt/applications/) bejn it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024 u l-Ġimgħa ,24 ta' Mejju, 2024.

9. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

10. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-Istruzzjonijiet ta' Gwida lill-Kandidati mehmuża man-notifika tal-eżami.

11. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami u/jew jiddiskwalifika kandidat/i jekk tinstab xi irregolarità. Tħassir u/jew diskwalifika bħal dan/dawn jista' jkun fl-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun f'karta waħda biss jew stadju partikolari tal-eżami.

L-10 ta' Mejju, 2024

FORZI ARMATI TA' MALTA

Eżerċizzju ta' Taħriġ ta' Sparar fuq il-Baħar – Gunex 02/2024

1. Il-Forzi Armati ta' Malta jgħarrfu li taħriġ ta' sparar attiv se jsir jew fi ħdan LM-D01 Pembroke Ranges jew LM-D05 mis-27 sal-31 ta' Mejju, 2024. L-isparar attiv se jibda mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m. fid-dati kollha. It-taħriġ se jikkonsisti fi sparar tal-ajru u navali.

Għall-kjarezza, range danger area waħda (1) biss se tkun attivata f'kull ħin skont para. 3 hawn taħt, li jista' jkun emendat minħabba kundizzjonijiet ta' temp ħżiena.

Il-31 ta' Mejju, hija dežinjata bħala reserve date biss.

2. Range boundaries għal LM-D01 Pembroke High u Temporary Danger Area LM-D05 hawn taħt:

6. Candidates who passed in both written papers but did not pass in the Practical/Interview Test do not need to sit for the written papers again as long as the Practical/Interview Test is taken within a period not exceeding 2 years from the Written Test.

7. To be able to apply with REWS for Authorisation 'A' or for Authorisation 'B', candidates must obtain a pass mark in both Paper I and Paper II together with a pass mark in the Practical/Interview Test.

8. Applications will be available online between Monday, 13th May, 2024 and Friday, 24th May, 2024, on (https://myexams.gov.mt/applications/)

9. Late applications will not be considered.

10. The Board of Local Public Examinations has the power to deal summarily with any candidate who while the examination is in progress, is found to be guilty of any breach or misconduct, of the Instructions to Candidates included with the timetable.

11. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination and/or disqualify the candidate/s if any irregularity is detected at any stage of the examination. Such annulment and/or disqualifcation may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one paper.

10th May, 2024

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Practice Exercise at Sea – Gunex 02/2024

1. The Armed Forces of Malta notifies that gunnery live firing practice shoot will be taking place either within LM-D01 Pembroke Ranges or LM-D05 from the 27th till the 31st May, 2024. The gunnery live practice will commence at 8.00 a.m. till 6.00 p.m. on all dates. The practice will consist of naval and aerial gunnery.

For clarity, only one (1) range danger area shall be activated at any given time as per para. 3 below, which may only be amended due to inclement weather conditions.

The 31st May, is designated as reserve date only.

2. Range boundaries for both LM-D01 Pembroke High and Temporary Danger Area LM-D05 follow:

LMD-01 Pembroke High

Range Area – 35º 55.90'N 014º 28.53'E
Circular Exclusion – 8.5 NM radius
Vertical Clearance – FL270
Arc of fire bearings – 335° to 060° True
Firing Area – 85º settur taż-żona (jiddependi fuq it-temp)

Temporary Danger Area LM-D05

Range Area – N35˚30.5 E014˚11.0
Circular Extension – 8 NM radius
Vertical Clearance – FL270
Arc of fire bearings – 190° to 270°True
Firing Area – 80º settur taż-żona (jiddependi fuq it-temp)

Ricochet Limit 6˚ Lemin u Xellug tas-settur taż-żona
Activated – Attivata b'Avviż lill-Baħħara u NOTAMS

3. Activation ta' Danger Areas ippjanat kif ġej:

a) 27 ta' Mejju – LM-D01 (mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m.)

b) 28 ta' Mejju – LM-D01 (mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m.)

c) 29 ta' Mejju – LM-D01 (mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.)

d) 30 ta' Mejju – LM-D01 (mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.)

e) LM-D05 attivazzjoni – ħinijiet ikkonfermati 'il quddiem

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu tmien mili nawtiċi u nofs (8.5NM) 'il bogħod mix-xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet ta' hawn fuq meta LM-D01 ikun attivat.

Mogħdija sikura għat-traffiku marittimu se titħalla max-xatt sad-distanza ta' 4NM. Għalhekk, meta LM-D01 ikun attivat, taħriġ tal-isparar se jseħħ fis-sector area minn 4NM sa 8.5NM fid-direzzjoni tal-baħar (żona XBCY).

5. It-twissijiet proċedurali kollha se jiġu mxandra partikolarment relatat mat-Temporary Danger Area 'il barra mix-xatt

6. MATS għandhom jattivaw LMD 01 'Pembroke high' jew LM-D05 matul il-ħinijiet imsemmija.

L-10 ta' Mejju, 2024

LMD-01 Pembroke High

Range Area – 35º 55.90'N 014º 28.53'E
Circular Exclusion – 8.5 NM radius
Vertical Clearance – FL270
Arc of fire bearings – 335° to 060° True
Firing Area – 85º sector of the zone (depending on prevalent weather)

Temporary Danger Area LM-D05

Range Area – N35˚30.5 E014˚11.0
Circular Extension – 8 NM radius
Vertical Clearance – FL270
Arc of fire bearings – 190° to 270°True
Firing Area – 80º sector of the zone (depending on prevalent weather)

Ricochet Limit 6˚ Right and Left of the sector zone
Activated – Activated by Notice to Mariners and NOTAMS

3. Activation of Danger Areas is planned as follows:

a) 27th May – LM-D01 (from 8.00 a.m. till 4.00 p.m.)

b) 28th May – LM-D01 (from 8.00 a.m. till 4.00 p.m.)

c) 29th May – LM-D01 (from 8.00 a.m. till 1.00 p.m.)

d) 30th May – LM-D01 (from 8.00 a.m. till 1.00 p.m.)

e) LM-D05 activation – timings to be confirmed

4. All vessels are to keep eight and half nautical miles (8.5 NM) off Pembroke coast during the above dates and timings when LM-D01 is activated.

A safety channel for marine traffic shall be left from the shoreline up to a distance of 4NM. Therefore, when LM-D01 is activated, gunnery practice will only take place in the sector area from 4NM to 8.5NM in a seawards direction (area XBCY).

5. All standard procedural warnings will be broadcast, particularly with regards to the Temporary Danger Area offshore.

6. MATS is to activate LMD 01 'Pembroke high' or LM-D05 during the above timings.

10th May, 2024

FINANCE MALTA

Lista ta' direct orders mogħtija minn Finance Malta mill-1 ta' Lulju, 2023 sal-31 ta' Diċembru, 2023.

L-10 ta' Mejju, 2024

Nru. ta' Referenza tad-*Direct Order*	Isem tad-*Direct Order*/Suġġett tad-*Direct Order*	Data Approvata	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT	Numru ta' Snin	Noti
Direct Order Reference No.	*Direct Order Name/Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Amount excl. VAT*	*Number of Years*	*Notes*
SERV/19/23-304-1	FinanceMalta Annual Conference – Stand Builders	24.05.2023	Sign IT	9,065.00	one-off	
SERV/21/23-304-2	FinanceMalta Annual Conference – AV Company	03.07.2023	Studio 7	26,409	one-off	
SERV/27/23-304-6	FinanceMalta-Annual Conference – Sustainable Gift	01.09.2023	Happy Pot	5,879	one-off	
SERV/28/23-304-7	FinanceMalta Annual Conference – Venue	31.01.2023	Spinola Developments – Hilton	38,085.67	one-off	
SERV/33/23-417	Publication	01.03.2023	Country Profiler	10,000.00	one-off	
SERV/34/23	Contract for sustainability materiality assessment website population with content writing, thought leadership articles, interviews, moderation in panel sessions and speeches relating to Sustainable Finance	18.12.2023	Gabriella Borda	approx. 18,000 per year	1 year	approximately 40 hours of service per month until 31st December 2024
SERV/35/23	Contract for the provision for Content writing, thought Leadership Articles, interviews and speeches in its objective to promote Malta as an International Financial Centre	18.12.2023	Vanessa Macdonald	approx. 16,800 per year	1 year	approximately 40 hours of service per month until 31st December 2024

FINANCE MALTA

List of Direct Orders issued by Finance Malta from 1st July, 2023 till 31st December, 2023.

10th May, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar is-Sibt, 11 ta' Mejju, 2024, mit-8.00 a.m., sal-Ħadd, 12 ta' Mejju, 2024, sas-1.00 a.m., Misraħ il-Knisja, Triq il-Kbira, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb u Triq San Nikola se tkun magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja f'Misraħ il-Knisja u Tiq l-Oratorju.

L-10 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju, 2024, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., Sqaq Ħofra se jkun magħluq għat-traffiku.

L-10 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

Laqgħa Annwali ta' Konsultazzjoni

Il-laqgħa annwali ta' konsultazzjoni mal-persuni kollha li jidhru fuq ir-reġistru elettorali taż-Żurrieq se tinżamm nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024, fiċ-Ċentru tal-Komunità Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż-Żurrieq, fis-6.30 p.m.

L-10 ta' Mejju, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

